MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 21/K7/2014 |
| Data: | It-Gimgħa 29 ta' Awwissu 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi<br>Sna Romina Galea<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Matthew Agius |
| | KAS | Sur Matthew Mangion |
| | Segretarju Eżekuttiv | Sna Marita Portelli |
| | Skużati | Dr Alex Sciberras<br>Is-Sur Maurice Agius |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 21 ta' Awwissu, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 20/K7/2014
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
7. Proposti għal Sistema ta' Riċiklaġġ
8. Affarijiet oħra jekk urġenti
9. Aġġornament

**Seduta Numru 21/14**

993 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 20/K7/2014.**

994 Ic-Chairperson tal-KAS ġibed l-attenzjoni li hu ma kienx mniżżel li attenda l-laqgħa. Qal li mportanti li jkun miżjud biex ikun deher li jkun attenda kull laqgħa. Is-Segretarju qalet li ser iżżidu mal-lista.

995 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsill mingħajr aktar korrezzjonijiet.

**2 Materji mill-Minuti**

996 Materja 945: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq il-proposta ta' parkeġġi li kien għamel il-Kunsill għal Triq Sant Andrija u t-TM taw l-approvazzjoni tagħħhom. Is-Segretarju qalet li il-ħaddiema ser jiżbħu l-parkeġġi fil-gimgħat li ġejjin.

997 Materja 946: Reġa ġie kkonfermat li l-Kunsill għadu bla risposta fuq is-servizz tal-Pulizija Pajżana fil-lokalita'.

998 Materja 947: Is-Sindku kkonfermat li l-PC application ser tidher quddiem il-Bord tal-MEPA fis-17 ta' Settembru. Qalet li jekk ikun hemm l-approvazzjoni l-MEPA tibda miexja fuq l-applikazzjoni tal-proġett. Is-Sur Selvaggi ġibed l-attenzjoni fuq il-katusa li hemm fiż-żona minħabba li mistennija x-xita u s-Sindku qalet li diġa avżat il-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq biex jiċċekjaha u jsir it-tindif jekk ikun hemm bżonn.

999 Materja 948: Is-Sur Selvaggi qal li l-iskemi tal-Parkeġġ Residenzjali ilhom pendenti wisq. Qal li l-Kunsill għandu bżonn jieħdu azzjoni. Is-Sindku qalet li għandha informazzjoni li waslu fl-aħħar tal-proċess u qalet li ma tistax tagħmel aktar milli tistenna r-risposta tal-Ministru. Is-Sur Selvaggi ried jiehu l-opportunita' biex jirringrazzja lis-Sindku ta' l-ghajnuna tagħha f'sitwazzjonijiet fejn ingħataw ċitazzjonijiet fil-periferiji ta' L-Imsida.

1000 Materja 951: Wara li reġgħet ġiet diskussa l-kwistjoni tad-'double yellow lines' fi Triq il-Mons Innoċenż Żammit is-Segretarju qalet li jista' jkun li dawn saru minħabba li hekk ikun hemm karozza ipparkjata quddiem il-garaxx, f'dik il-parti tat-triq ma jgħaddix l-iskemel. Sar qbil li s-Segretarju xorta ser tikkuntatja lit-TM pero' ser tissuġġerixxi li jsir double yellow line quddiem il-garaxx minħabba li parkeġġ fiż-żona tostakola s-servizz ta' ġbir ta' skart.

1001 Materja 953: Il-Kunsill kien iddiskuta t-tneħħija tal-BIS li hemm fi Triq Emvin Cremona. Is-Sindku ċekjat mal-Wasteserv u dawn informawha li l-BIS, minn l-aħħar ta' Lulju, saru propjeta' tal-Kunsill. Għalhekk hi tkellmet ma' Kuntrattur li jista' jneħħihom (l-erba li huma) bi prezz ta' €80. Il-Kunsill approva li dawn jitneħħew.

1002 Materja 954: Is-Sindku u s-Sur Bartolo ltaqgħu mal-Perit fuq il-proġett li qed isir fix-Xatt ta' L-Imsida. Fost affarijiet oħra sar qbil li r-Reserved parking bay li hemm fi Triq ix-Xatt ta' L-Imsida tiċċaqlaq minn hemm u ssir l-ewwel bay fi Triq il-Baċir. Is-Sur Brincat qal li hu ma kienx informat b'din il-laqgħa, avolja proġetti ta' din in-natura fil-lokalita' jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu. Is-Sindku qalet li l-pjan oriġinali kien biex tiltaqa mal-Perit biex tiftiehem fuq il-pożizzjoni l-ġdida tar-Reserved Parking. Is-Sur Selvaggi saqsa jekk il-Kunsill ingħatax 'time frame' għal dan il-proġett. Sar qbil li tintbgħat imejl lit-TM biex tintalab din l-informazzjoni.

1003 Saret diskussjoni fuq parking bay li hija miżbugħa bajda quddiem store fi Triq il-Baċir li tintuża minn sid ta' Karozzin taż-Żwiemel biex jarma l-Karozzin fiha. Intqal li l-Kunsill ġie informat mis-sidien ta' din l-istore li dan mhux jintuża minħabba kawża li hemm pendenti l-qorti u li m'hemmx bżonn li tibqa l-kaxxa s-safra. Il-bdil fil-kulur tal-kaxxa ħoloq problema lis-sid taż-żiemel u karozzin għax kien is-soltu jarma u jżarma f'dik il-kaxxa u issa qed ikun hemm il-karozzi pparkjati. Is-Sna Galea ssuġġeriet li jingħata permess jużaha nofs siegħa fil-għodu u nofs siegħa fil-għaxija. Il-Kunsill ma qabilx. Intqal li suppost jarma u jżarma ġewwa l-garaxx tiegħu.

1004 Materja 956: Is-Sur Selvaggi tkellem fuq il-laqgħa li saret fl-Imsida – Konsultazzjoni publika mal-Ministru Mallia. Hu qal li stenna li ser issir xi azzjoni minn naħa tal-Pulizija wara din il-laqgħa. Is-Sindku qalet li hi ġiet informata li r-Refuggee Commission li hemm f'Rue D'Argens ser jiċċaqlaq mill-Imsida u jmur il-Belt. Is-Sna Galea qalet li hemm flat li qed jintuża

bħala Moskea. Il-MEPA għandha tiġi nformata. Semmiet ukoll xi post fi Triq Bordin fejn allegatament qed isir burdell. Il-Kunsill iddiskuta kif residenti qed jiddeċiedu li jitilqu mill-Imsida minħabba din il-problem ta' immigranti (kemm dawk minn pajjiżi afrikani u anke dawk mill-Ewropa tal-Lvant). Is-Sur Selvaggi qal li waqt il-laqgħa r-residenti kienu irritati u l-Pulizija ġabu ruħhom qishom ma jafu b'xejn, dan meta l-Kunsill ilu jirraporta diversi xhur u snin. Hu qal li jekk ma saritx azzjoni wara li l-għola uffiċċjali fil-korp kienu qed jisimgħu l-problemi li hemm fl-Imsida jinkwieta li s-sitwazzjoni mhix ser tinbidel. Is-Sur Matthew Agius qal li mportanti li nitkellmu mal-Ministru u li tintalab laqgħa miegħu jew mas-Segretarjat tiegħu. Is-Sur Selvaggi qal li l-laqgħa għandha ssir miegħu personali minħabba li huwa hu fuq id-distrett ta' L-Imsida.

1005 Materja 966: Is-Sur Selvaggi xtaq jiġbed l-attenzjoni li xi ħadd fi Triq Rue D'Argens informaħ li ma rċiviex l-magazine tal-Kunsill.

1006 Materja 975: Il-Kunsill fakkar lis-Segretarju biex tibgħat l-ittra ta' ringrazzjament lill-membri tal-Bord ta' l-Għażla tal-attivita' Mertu Msida.

1007 Materja 979: Is-Sindku informat lill-kunsilliera li ntbagħtu l-ittri lir-residenti ta' Triq il-Ġdida minħabba t-tibdil propost. Il-Kunsill ġie informat lid aħlu 13-il-oġġezzjoni u li l-maġġoranza tagħhom oġġezzjonaw fuq l-inkonvenjent li wieħed jibdel l-indirizz ma' Dipartimenti / Uffiċċji tal-Gvern. Sar qbil li dawn li oġġezzjonaw tintbagħtilhom ittra biex il-Kunsill jassigurahom li jekk ikollhom bżonn xi għajnuna f'dan ir-rigward il-Kunsill ikun lest li jgħinhom. Il-Kunsill approva li l-isem tat-Triq tinbidel minħabba li l-maġġorranza tar-residenti ma oġġezzjonawx għal dan it-tibdil. Ġew diskussi xi triqat oħra li għadhom bla isem u sar qbil li triq ġdida fis-Swatar tissemma Triq San Gorg Preca. Is-Sur Brincat kien issuġġerixxa li tissemma triq għas-Sur Edmond Cefai pero' ntqal li persuna trid tkun ilha mill-inqas 5 snin mejta biex tissemma triq għaliha. Għalhekk sar qbil li Daħla Nru 1 fi Triq Reġjonali u Daħla Nru 2 fi Triq Reġjonali għandhom jissemmew Triq Dun Joe Calleja u Triq Gemma Portelli.

1008 Materja 983: Is-Sur Selvaggi qal li trid titieħed azzjoni mill-pulizija fuq rapporti li qed isiru minn kunsilliera għal-ilma maħmuġ li qed joħroġ minn 107 Rue D'Argens. Qal li anke l-ħammiem huma problema. Qed nirraportaw u dawn ir-raporti jridu jkunu mnizzlin. Is-Segretarju qalet li rraportat ħsara li saret f'mera tal-Kunsill u baqgħet bla risposta. Semmgħu wkoll il-karozza li baqgħet 30 siegħa fi Triq ix-Xatt ta' L-Imsida wara habta. Intqal li l-konka li nkissret minħabba dan l-inċident issewwiet mill-Kunsill. Is-Sur Batolo qal li meta ġrat il-ħsara fuq il-funtana ta' Triq Rue D'Argens inġabru l-flus minn dak li għamel il-ħsara u l-Kunsill għamel ix-xogħolijiet ta' tiswija.

## 3 Korrispondenza

1009 41/0984: Il-Perit tal-Kunsill għamel rapport fuq l-istat tat-Triq Achille Ferris. Dan ir-rapport ikkonferma li l-periklu li hemm. Intqal li s-saqaf ta' din it-triq hija propjeta' ta' sid l-istabiliment Big Ben. Sar qbil li ser issir diskussjoni ma' l-avukat tal-Kunsill fuq azzjonijiet li jistgħu jittieħdu f'dan il-każ. Is-Sur Selvaggi qal li mportanti li l-isekemel ma jgħaddix minn din it-triq (bħal ma ġie rraportat) imma s-Segretarju spjegat li s-soltu jgħaddi minn Triq tal-Qroqq pero' dak in-nhar kien hemm ix-xogħolijiet qed isiru f'din it-triq u ma setgħax jgħaddi minn hemm.

1010 41/1046: Is-Sindku nformat lill-Kunsill li nkitbet ittra mill-avukat f'isem il-Kunsill minħabba l-boundary wall li ma nbeniex mis-sidien ta' l-art li hemm fi Triq il-Wied ta' L-Imsida kantuniera ma Triq Santa Venera. Sar qbil li l-avukat jirrispondi din l-ittra u li jsir rapport lis-sezzjoni ta' l-Enforcement tal-MEPA.

1011 41/0988: Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq xiex kienet din il-korrespondenza. Is-Segretarju spjegat li l-impjegata tal-GreenMT is-soltu tiċċekja il-minuti tal-Kunsill biex il-kumpanija jkunu jafu x'inhu għaddej fil-Kunsilli u f'dan il-każ kien hemm xi minuti li ma kienux aċċessibli fuq il-websajt u għArlet talba għalihom. Il-Kunsill qabel li tajjeb li il-GreenMT jiċċekkjaw il-minuti tal-Kunsill ħalli ma jinsewx li għandhom jagħtu diversi eluf lill-Kunsill.

1012 41/0990: Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Superjur tal-M.U.S.E.U.M fl-Imsida b'suġġerimenti dwar sinjali u affarijiet oħra li jistgħu jsiru biex jipprevenu xi inċident fiż-żona minħabba sewqan eċċessiv. Il-Kunsill qabel li tista tinżebagħ SLOW u anke issir tabella li tindika li jaqsmu t-tfal. Minħabba l-lights li ntalbu, dawn ser isiru mill-proġett tat-TM li qed isir bħalissa.

1013 41/0995: Is-Sur Brincat talab risposta ta' l-imejl li kien bagħat fuq l-irħama tas-Sindki. Intqal li din kienet ser issir għal-festa imma ma leħqux lestewa. Is-Sur Brincat ġie mwiegħed li ser issir mill-aktar fis.

1014 41/0985: Is-Sur Brincat talab risposta fuq l-imjejl li bagħat hu u rigward is-siġar ġie nformat li Inżabru ta' Regional Road u anke tas-Swatar u ta' ħdejn il-ġibjun. Is-Sur Bartolo qal li kien hemm problema fuq dawk ta' ħdejn il-Junky Clothing minħabba li kien hemm il-karozzi pparkjati avolja l-Kunsill waħħal it-tabelli No Parking. Is-Segretarju qalet li jekk jiftehmu ġurnata tkun tista titlob lill-Pulizija jagħmlu Clearance taż-żona ħalli jkunu jistgħu jneħħu l-karozzi li jkun hemm.

1015 Is-Sur Brincat ħareġ mill-laqgħa (18:58)

1016 Is-Sur Bartolo qal li s-siġar ta' ħdejn il-Ġibjun saru kbar u qed issir diskussjoni mal-Monitoring Committee biex jintneħħew. Hu qal li dawn Eucalyptus u ma hemmx għalfejn jitħawlu siġar oħrajn minnflokhom. Hu qal ukoll li ser jitneħħew it-8 siġriet li hemm fil-ġnien ta' quddiem il-knisja biex jitħawlu 32 'shrubs' bid-disinn. Qal li l-MEPA talbu informazzjoni fuq fejn ser jitħawlu s-siġar. Intqal li jista jkun li tajjeb li jiżdiedu fl-Imsida Circus.

1017 Is-Sur Selvaggi wera d-diżappunt tiegħu dwar il-kwistjoni tax-xogħolijiet li saru fl-Imsida Circus mingħajr ma ġie informat il-Kunsill. Hu qal li la l-Kunsill qed jaqbel li messu ġie nformat importanti li l-Kunsill jikkomunika dan mar-residenti. Is-Sur Bartolo xtaqt jiġbed ftit l-attenzjoni li jekk inqalat siġra waħda u li x-xogħol ta' tiżbir sar tajjeb. Is-Sur Agius qal li l-imejl li ntbgħatet lill-uffiċċjali tal-Flood Relief Project kienet tajba u ma jistax jifhem kif kuntrattur jiftiehem mat-TM u t-TM ma jikkonsultawx mal-Kunsill. Is-Sur Matthew Agius kompla jgħid li la l-Kunsill qabel messu ħa l-inizjattiva li jieħu PR minnha permezz tal-Facebook. Hu qal li għandna nerġgħu nressqu l-imejl li ntbagħtet lil min hu kkonċernat u anke lill-Ministru. Is-Sindku pprovdiet numru tal-Perit Mifsud li hu nvolut fil-proġett. Is-Sur Matthew Agius qal li dan l-aġir juri nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsill. Sar qbil li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Punent, Nazju Falzon, Triq tal-Qroqq, Triq l-Iskola u Triq Bieb it-Torri biex is-sitwazzjoni tiġi spjegata. Sar qbil li l-ewwel issir draft u tintbgħat għall-kummenti tal-kunsilliera.

1018 41/0913: Is-Sur Matthew Agius saqsa kif qed jinħarġu l-permessi tal-SDM u l-Pulse għal ħdejn il-Junior Collage. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li sar deċiż li kull darba li ssir attivita' jieħdu spazju differenti (jiġifieri jekk il-Pulse jieħdu l-aktar spazju prominenti fi Fresher's Week din is-sena, s-sena ta' wara jieħdu permess hemm l-SDM). Is-Sur Matthew Agius talab li ssir laqgħa biex dan jiġi spjegat liż-żewġ għaqdiet. Is-Sindku ma sabitx oġġezzjoni. Is-Sna Galea qalet li dawn l-attivitajjiet jieħdu diversi parkeġġi u l-problema ta' parking diġa hija kbira f'din iż-żona. Qalet li dawn l-attivitajjiet imiesshom isiru fil-propjeta' ta' l-iskola. Is-Sur Agius qal li l-amministrazzjoni tal-JC qed jipprovaw joqtlu dawn l-inizjattivi u qal li dawn l-għaqdiet, permezz tax-xogħol tagħhom qed iżommu ż-żgħażagħ attivi. Is-Sur Bartolo qal li mportanti li ngħidulhom fuq dik is-siġra li jużaw meta xi ħadd ikollu l-Birthday. Qal li ser jinbena ċint u anke jsir il-ħadid u l-fjuri fiż-żona biex iż-żona tisbieħ.

1019 Il-Kunsill irieva applikazzjoni mingħand l-għaqda tan-nar fejn talbu biex jagħmlu BBQ fit-30 ta' Awwissu fil-gnien il-qadim. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita'. Is-Sur Bartolo ssuġġerixxa li kull għaqda fl-Imsida tintbagħat ittra biex informaha li l-applikazzjonijiet ta' attivitajjiet iridu jaslu lill-Kunsill mill-inqas ġimgħatejn qabel l-attivita'. Is-Sur Agius qal

li aħjar minn hekk issir laqgħa ma l-għaqdiet fejn tingħata din l-informazzjoni, fost affarijiet oħra. Is-Sur Abela Wadge ssuġġerixxa li ssir NGO Committee pero' intqal li din mhix idejali li jinħolqu aktar kumitati speċjalment meta hemm kumitati diġa li mhux qed jiffunzjonaw.

1020 Is-Segretarju informat lill-Kunsill li l-AVIS talbu biex jinstallaw street furniture fi Triq il-Wied ta' L-Imsida. Il-Kunsill qal li hemm bżonn li l-AVIS jiġu mfakkra f'dak li wegħdu li ser jagħmlu fl-aħħar laqgħa mal-Kunsill li minnu għadu ma sar xejn (il-ġnien fi Triq Clarence u l-laqgħa mar-residenti huma eżempji). Il-Kunsill qal li jerġa jikkonsidra t-talba meta dawn l-affarijiet jitwettqu.

1021 Is-Segretarju resqet talba tal-kumpanija Masquerade biex issir Alighting/Boarding Bay quddiem l-iskola tad-drama u Loading/Unloading Bay in-naħa ta' wara. Is-Segretarju qalet ukoll li jixtieq jagħmel tiżbieħ fiż-żona billi jagħmel użu mill-ħamrija li hemm ħdejn l-istess skola. Il-Kunsill ma qabilx lis sir Alighting/Boarding Bay fiż-żona minħabba li diġa hemm diversi problema ta' parkeġġ. Intqal li jekk tkun ser issir xi attivita' fejn ikun hemm bżonn li jiddaħħal l-equipment dan jista' japplika l-Kunsill biex jagħmel użu mill-parkeġġi għal dawk il-ġranet. Is-Segretarju qalet li skont il-kriterji tat-TM xorta ma jikkwalifikax għal-Loading/Unloading Bay. Minħabba li l-biċċa ħamrija li hemm ħdejn l-iskola hija diġa 'committed' fil-proġett tal-Lokalitajjiet Aktar Ħodor il-Kunsill ma setgħax jagħti permess biex issir xi ħaġa hemmhekk.

1022 Is-Sur Abela Wadge ħareġ mill-laqgħa (19:46).

## 4 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

1023 L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata.

## 5 Kumitat Amministrattiv Swatar

1024 Iċ-Chairperson informa lill-Kunsill li l-Kumitat il-ġdid qed jipprepara biex joħroġ fuljett informattiv lir-residenti tas-Swatar biex jiġu nformati fuq il-kumitat il-ġdid u xi servizzi li jiġu offruti fil-lokal. Dan il-fuljett ser jintuża wkoll biex jinformaw lir-resident tas-Swatar dwar laqgħa li ppjanata li ssir mal-pubbliku f' Ottubru.

1025 Iċ-Chairperson qal li ser issir laqgħa ma' l-iskola tas-St Martin's nhar l-Erbgħa fis-2pm biex isir qbil fuq is-sistema li ser tibda titħaddem għal waqt il-ħin li joħorġu t-tfal mill-iskola.

## 6 Affarijiet Oħra

1026 Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li l-laqgħa tat-30 ta' Settembru ser tkun bl-Online Streaming.

1027 Is-Sur Selvaggi qal li fi Triq il-Magna tas-Serrar (Nru 16) hemm xi U-Bars quddiem rampi. Sar qbil li l-ħaddiema jiċċekjaw din it-triq.

1028 Is-Sur Selvaggi qal li hemm blokka flats li mhux qed jimxu skont ir-regoli tal-ħruġ ta' l-iskart. Talab biex ikun jista jmur iqassam karti fil-blokka. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

1029 Is-Sur Selvaggi qal li fi sqaq Casolani hemm bżonn li ssir rampa. Intqal li ser issir spezzjoni u jekk ikun hemm bżonn issir ir-rampa.

1030 Is-Sindku qalet li reġgħet ġiet kkuntatjata mill-Kumitat tas-Sajjieda minħabba l-arblu biex il-Kunsill jerġa jikkoknsidra li ssir l-arblu. Hi qalet li l-arblu ser ikun wara bank u li l-wajr ser jgħaddi mill-'gutter' allura ma jkunx hemm bżonn ta' tkissir tal-bankina. Il-problema kienet minħabba li ser jaqsam it-triq. Is-Segretarju ssuġġeriet li l-wajr jaqsam it-triq ma xi wajrs oħra li hemm diġa ftit l-isfel u imbad ikun jista' jgħaddi mis-siġar (fejn ma jtellef lil ħadd) u jinżel ma' l-arblu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li s-Segretarju tiltaqa mas-Segretarju tal-kumitat u tressaq dan il-proponiment. Is-Sur Matthew Agius talab għall-lista aġġornata tal-membri tal-Kumitat u l-permessi tagħhom. Din kienet intalbet diversi drabi u baqgħet ma ngħatatx lill-Kunsill.

## 7 Aġġornament

1031 Sar qbil li l-laqgħa titkompla nhar it-Tlieta 2 ta' Settembru 2014.

1032 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20.06.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv